MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 424/2003

***Alfred Abdilla***

***vs***

***Kamel Abed***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u sebgha u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm247.75) rappresentanti kwantu ghas-somma ta' Lm229.40 bhala self brevi manu u kwantu ghas-somma ta' Lm18.35 bhala imghax akkumulat fuq is-somma mislufa sad-data tal-presentata ta' l-avviz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tad-29 ta' Jannar 2003 u bl-imghax ulterjuri kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-attur Alfred Abdilla, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' mitejn u disgha u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm229.40) sorte, kif ukoll is-somma ta' tmintax il-lira Maltin u hamsa u tletin centezmu dovuti bhala imghaxijiet sad-data tal-prezentata ta' l-avviz, flimkien ma'  imghaxijiet ulterjuri.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------